IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2019
COM(2019) 290 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2019/000 TA 2019 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-regoli li japplikaw għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[1] (ir-"Regolament dwar il-FEG").

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

***Data* ewlenija:**	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2019/000
Il-Kummissjoni Ewropea	Għajnuna teknika
Nefqa amministrattiva: baġit f'EUR	610 000
% nefqa amministrattiva (limitu: 0,5 %)	0,35 %

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG, kull sena jista' jitqiegħed massimu ta' 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG għad-dispożizzjoni tal-għajnuna teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.

Għajnuna teknika li jeħtieġ tkun iffinanzjata u tqassim tal-ispejjeż stmati

1. Il-kontribuzzjoni se tintuża għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 11(1) u (4), kif ukoll fl-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament dwar il-FEG, kif spjegat hawn taħt.

2. Monitoraġġ u ġbir ta' *data*: Il-Kummissjoni se tiġbor id-*data* dwar l-applikazzjonijiet li jkunu waslulha, dawk iffinanzjati u dawk ta' stralċ, u dwar il-miżuri proposti u implimentati. Din id-*data* se tkun disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea u se tkun kompilata f'format xieraq għar-Rapport Biennali tal-2021. Abbażi tal-esperjenza tul dawn l-aħħar snin, l-ispejjeż għal din l-attività huma stmati li se jkunu EUR 20 000.

3. Informazzjoni: Il-Kummissjoni waqqfet u qed tieħu ħsieb paġna web dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[2], kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament dwar il-FEG. Is-sit web se jiġi aġġornat u mkabbar b'mod regolari, u l-elementi l-ġodda se jiġu tradotti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Se tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG u l-viżibilità tiegħu se tiġi promossa. Il-FEG se jiġi kopert f'diversi pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi tal-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament dwar il-FEG. L-ispejjeż tal-partiti kollha huma stmati li se jkunu EUR 20 000.

4. Sistema ta' skambju elettroniku ta' *data*: Il-Kummissjoni qed tkompli l-ħidma tagħha fir-rigward tal-iżvilupp tal-proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet tal-FEG u l-ġestjoni ta' każijiet, bl-użu tal-funzjonalitajiet tal-SFC2014 (Sistema għall-Ġestjoni

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
[2] http://ec.europa.eu/egf

tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea). Dan jippermetti s-simplifikazzjoni tal-applikazzjonijiet skont ir-Regolament dwar il-FEG, ipproċessar aktar mgħaġġel, u rapportar iktar faċli. Interfaċċa bejn l-SFC u s-sistema tal-kontabbiltà u l-informazzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni, ABAC, tiffaċilita l-operazzjonijiet finanzjarji tal-FEG. Il-kontribuzzjoni ta' EUR 80 000 hija għall-manutenzjoni u għall-iżvilupp ulterjuri regolari tal-applikazzjonijiet tas-SFC u għall-integrazzjoni tal-għodod il-ġodda ta' rapportar.

5. Appoġġ amministrattiv u tekniku (laqgħat tal-Grupp ta' Esperti): Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, b'membru wieħed minn kull Stat Membru, se jkun qed jorganizza żewġ laqgħat (fit-tieni nofs tal-2019 / fl-ewwel nofs tal-2020). L-ispejjeż totali ta' dawn iż-żewġ laqgħat huma stmati li se jkunu EUR 70 000.

6. Appoġġ amministrattiv u tekniku (Seminars ta' netwerking): Barra minn hekk, sabiex jiġi promoss in-netwerking fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni se torganizza żewġ seminars bil-parteċipazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-FEG u s-sħab soċjali. Sa fejn ikun possibbli, dawn se jkunu skedati li jsiru bejn wieħed u ieħor fl-istess dati taż-żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Esperti u se jiffukaw fuq kwistjonijiet li jinbtu mill-implimentazzjoni prattika tar-Regolament dwar il-FEG. L-ispiża ta' dawn il-partiti hija stmata li se jkun EUR 120 000.

7. Evalwazzjoni: L-akkwist pubbliku għall-evalwazzjoni *ex post* se jitnieda fl-2019, bil-ħsieb li l-evalwazzjoni tiġi konkluża sal-31 ta' Diċembru 2021 (kif meħtieġ mill-Artikolu 20(1)(b) tar-Regolament dwar il-FEG). Għal dan l-iskop se jkunu meħtieġa EUR 300 000.

Partiti	**Għadd stmat**	**Spiża stmata għal kull partita (f'EUR)**	**Spejjeż totali (f'EUR)**
Monitoraġġ u ġbir tad-*data*	Varji	Varji	20 000
Attivitajiet ta' informazzjoni	Varji	Varji	20 000
Stabbiliment ta' sistema ta' skambju elettroniku tad-*data*	Varji	Varji	80 000
Appoġġ amministrattiv u tekniku: Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG	2	35 000	70 000
Appoġġ amministrattiv u tekniku: Seminars ta' netwerking dwar l-implimentazzjoni tal-FEG	2	60 000	120 000
Evalwazzjoni	1	300 000	300 000
Total tal-ispejjeż stmati			**610 000**

Finanzjament

8. Il-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2019 huwa ta' EUR 150 miljun bil-prezzijiet tal-2011 (EUR 175 748 000 bil-prezzijiet tal-2019), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[3].

9. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG jistipula li 0,5 % ta' dan l-ammont (EUR 175 748 000 bil-prezzijiet tal-2019) jista' jsir disponibbli għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. L-ammont propost f'din id-deċiżjoni jikkorrispondi għal madwar 0,35 % tal-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2019.

10. Id-deċiżjoni proposta biex il-FEG jiġi mobilizzat, se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[4].

Atti relatati

11. Fl-istess żmien li se tkun qed tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi trasferit l-ammont ta' EUR 610 000 fil-linja baġitarja rilevanti.

Sors tal-approprjazzjonijiet ta' pagament

12. L-approprjazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 610 000 meħtieġ għall-għajnuna teknika.

[3] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[4] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2019/000 TA 2019 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[6], u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-għan tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) hu li jsostni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attivitajiet tagħhom ikunu waqfu minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji kkawżati mill-globalizzazzjoni, minħabba kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew minħabba kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u li jgħinhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013[7].

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jipprevedi li kull sena jista' jintuża massimu ta' 0,5 % tal-ammont annwali massimu tal-FEG għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

(4) Jenħtieġ li l-FEG jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 610 000 għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

---

5 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

6 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 610 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*